MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 160/2008

**Marisa Gatt ghan-nom taghha u in rappresentanza ta' Anton Cristina**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anton u Marisa Gatt ahwa Cristina fejn dawn wara li ppremettew illi:

Fid-dsatax (19) ta' Novembru 1974, twieled ir-rikorrent Anton Cristina, u dan skond, c-certifikati tat-twelid, bin-numru ta' l-iskrizzjoni 5689 tan-1974, hawn anness u mmarkata bhala Dok. A.
Fit-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 1976, twieldet ir-rikorrent Marisa Cristina, u dan skond, c-certifikati tat-twelid, bin-

numru ta’ l-iskrizzjoni 4918 tan-1976, hawn anness u mmarkata bhala Dok. B.

Illi omm ir-rikorrent Cristina Cristina nee Zammit twieldet nhar is-26 ta’ Ottubru 1947, ix-Xewkija Ghawdex u inghatat l-isem ta’ “Cristina” kif registrat fic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi omm ir-rikorrent ghandha Karta ta’ l-Identita mahruga mir-Reppubblika ta’ Malta bin-numru 89647G, u li f’tali karta ta’ l-identita isem ir-rikorrent huwa mnizzel bhala “Cristina Cristina” kif jidher fl-anness document Dok B;

Illi omm ir-rikorrent Cristina Cristina izzewget lil Luciano Cristina nhar it-21 ta’ Settembru 1973, fil-Knisja Parrokkjali Maria Bambina, Isla, Malta, u dan skond ic-certifikat taz-zwieg tan-1973, bin-numru ta’ l-iskrizzjoni 2180;

Fic-certifikat tat-twelid ta’ Anton Cristina su citat, isem omm ir-rikorrent Cristina Cristina fil-kolonna imsemmija *‘L-Omm’* hemm imnizzel l-isem *‘Christine wife of the said Luciano Cristina’* kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

Illi dawn l-zballji qed jikkawzaw inkonvenjent kbir lir-rikorrenti u ghalhekk jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

Ir-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjoni ta’ l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jigu rettifikati l-izbalji li saru fl-Atti tat-Twelid surriferiti;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti hemm erronjament imnizzel fil-kolonna ntestata *‘L-Omm’* l-isem “Christine wife of the said Luciano Cristina”;

Tordna lill-konvenut jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehteiga fic-certifikati tat-twelid fuq indikat billi taht il-

kolonna ntestata ‘L-Omm’ jgu kancellati l-kliem ‘Christine wife of the said Luciano Cristina’ u minflok jigu inseriti l-kliem “Cristina wife of the said Luciano Cristina”.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur ta’ Registru Pubbliku illi:

Preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suesopst, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ l-istanti stante illi jirrizulta li d-dikjarant kemm fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Marisa kif ukoll fuq dak tar-rikorrent Anton kien missierhom Luciano Cristina li kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u iffirma ghaliha hija korretta.

Minghajr pregudizzju ukoll, jehtieg li r-rikorrenti jispecifikaw fit-talbiet dedotti fir-rikors guramentat in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Atti ta’ l-Istat Civili kollha li huma qed jitolbu li jigu korretti u dan ai termini ta’ l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fir-rikors ma jidhirx li inghatat raguni ghaliex ir-rikorrent l-iehor Anton Cristina qed jigi rapprezentat minn ohtu Marisa Gatt.

Ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tal-atturi huma pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba.

Tilqa t-tieni talba u tordna korrezzjoni fic-certifikati tat-twelid NRU 5689/1974 u 4918/1976 fil-kolonna intestata l-omm jigu kancellati l-kliem:

“Christine wife of the said Luciano Christina u minflok jigu inserti l-kliem Cristina wife of the said Luciano Cristina.”

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------